

P6_TA-PROV(2008)0523

Il-kommemorazzjoni tal-Holodomor, il-karestija artifiċjali tal-Ukrajna (1932-1933)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2008 dwar il-kommemorazzjoni tal-Holodomor, il-karestija artifiċjali tal-Ukrajna (1932-1933)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU għall-Prevenzjoni u l-Ikkastigar tad-Delitt tal-Ġenoċidju,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta magħmula waqt it-58 Sessjoni Plenarja tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fis-70 Anniversarju tal-Holodomor fl-Ukrajna, li kienet appoġġjata minn 63 Stat, inklużi l-25 Stat Membru tal-UE (dak iż-żmien),
 - wara li kkunsidra l-Liġi Ukrajna dwar 'Il-Holodomor fl-Ukrajna tal-1932 u l-1933', adottata fit-28 ta' Novembru 2006,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni magħmula mill-President tal-Parlament Ewropew fil-21 ta' Novembru 2007 fl-okkażjoni tal-bidu tal-kommemorazzjoni tal-75 anniversarju tal-karestija ta' Holodomor fl-Ukrajna,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u r-Rakkomandazzjonijiet Finali tal-Għaxar Laqgħa tal-Kumitat għall-Koperazzjoni Parlamentari UE-Ukrajna, adottati fis-27 ta' Frar 2008,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huwa prinċipju bażiku li fuqu hi bbażżata l-UE,
- B. billi l-Konvenzjoni tan-NU għall-Prevenzjoni u l-Ikkastigar tad-Delitt tal-Ġenoċidju tikkriminalizza numru ta' atti kommessi bil-ħsieb li jinqered, b'mod sħiħ jew parzjalment, grupp nazzjonali, etniku, razzjali jew reliġjuż: billi jinqatlu membri tal-grupp; billi ssir ħsara fiżika jew mentali serja lil membri tal-grupp; billi jiġu imposti fuq il-grupp kundizzjonijiet ta' għajxien ikkalkulati li jikkawżaw il-qerda fiżika tiegħu b'mod sħiħ jew parzjalment; billi jiġu imposti miżuri maħsuba sabiex jevitaw li jkun hemm twelid fil-grupp; u billi tfal tal-grupp jiġu ttrasferiti bil-forza għal grupp ieħor,
- C. billi l-karestija ta' Holodomor tal-1932 u l-1933, li kkawżat il-mewt ta' miljuni ta' Ukrajni kienet ippjanata b'mod ċiniku u krudili mir-reġim ta' Stalin biex idaħħal bil-forza l-politika ta' kollettivizzazzjoni tal-agrikoltura tal-Unjoni Sovjetika kontra r-rieda tal-popolazzjoni rurali fl-Ukrajna,
- D. billi t-tifkir il-kommemorazzjoni tar-reati kontra l-umanità fl-istorja Ewropea għandu

jgħin biex jiġi evitat li jsiru reati simili fil-futur,

- E. billi l-integrazzjoni Ewropea kienet ibbażata fuq ir-rieda li wieħed jaççetta l-istorja traġika tas-seklu 20 u rikonoxximent li din ir-rikonçiljazzjoni ma' storja diffiçli mhix sinjal ta' xi sens ta' ħtija kollettiva, iżda tifforma bażi stabbli għall-kostruzzjoni ta' futur Ewropew komuni bbażat fuq valuri komuni u futur kondiviż u interdependenti,
1. Jagħmel din id-dikjarazzjoni li ġejja lill-poplu tal-Ukrajna u b'mod partikolari lis-superstiti li baqa' tal-Holodomor u lill-familjari u l-qraba tal-vittmi:
 - (a) jirrikonoxxi l-Holodomor (il-karestija artifiçjali tal-1932 u l-1933 fl-Ukrajna) bħala delitt ta' min jistmerru kontra l-poplu Ukrajin, u kontra l-umanità;
 - (b) jikkundanna b'mod qawwi dawn l-atti, diretti kontra l-klassi tal-bdiewa tal-Ukrajna, u kkaratterizzati minn qerda tal-mases u vjolazzjonijiet tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem;
 - (c) jesprimi s-simpatija tiegħu mal-poplu Ukrajin, li sofru f' din it-traġedja, u jonora lil dawk li mietu bħala konsegwenza tal-karestija artifiçjali tal-1932 u l-1933;
 - (d) jistieden lill-pajjiżi li nħolqu wara x-xoljiment tal-Unjoni Sovjetika biex jiftħu l-arkivji tagħhom rigward il-Holodomor fl-Ukrajna tal-1932 u l-1933 għal skrutinju komprensiv sabiex ikunu jistgħu jiġu żvelati u investigati b'mod sħiħ il-kawżi u l-konsegwenzi kollha;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvern u l-Parlament tal-Ukrajna, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Koperazzjoni fl-Ewropa u lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.